MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2006

Numru 699/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT SHARON TANTI**

**VS**

**DAVID MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra David Mifsud, ta' 25 sena, bin Gaetano u Marianne nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar it-2 ta' Mejju, 1981, residenti fil-fond Flat 4, Sonsage Buildings, St Vincent Streeet, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 224681(M);

1. Akkuzat talli nhar it-2 ta' Lulju, 2006, fil-limiti ta' Ghar Lapsi, wara nofsinhar, bi vjolenza kkommetta stupru fuq

Svetlana Muscat, u dan bi ksur tal-Artikolu 198, 202(h)(iv)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Svetlana Muscat, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) u 222(1a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar fil-pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokument esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru, 2006 fejn il-vittma Svetlana Muscat talbet lill-Qorti sabiex jitwaqqfu l-proceduri, u dan fl-interess tal-wild minuri li l-istess Svetlana Muscat u l-imputat ghandhom flimkien;

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat il-verbal tal-lum tal-lum;

Rat l-Artikolu 543 u 545 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 221(1) u 222(1a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet Malta;
L-Artikoli 198, 202(h)(iv)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi hawn fuq indikati, il-Qorti tordna li jitwaqqfu l-proceduri kontra l-imptuat David Mifsud, ai termini tal-Artikolu 543 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ma ssibx lill-istess imptuat hati mill-akkuzi u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------